# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 218/2016**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**John Aquilina**

Illum 24 ta' Ottubru 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **John Aquilina**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 842255(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli fl-14 ta' Marzu 2015 ġewwa l-Ħamrun, f'Malta:

1. ikkommetta serq ta' oġġetti għad-dannu ta' Francis Farrugia mill-Ħamrun, liema serq huwa aggravat bil-valur, u ċioè li jammontaw għal sitt mija u erbgħin Euro (€640);

2. sar reċidiv b'sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta, fejn tali sentenzi ġew definittivi u li ma jistgħux jinbidlu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-21 ta' April 2016, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 49, 50, 261, 267 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati u kkundannatu għall-piena ta' sentejn (2) priġunerija.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fit-3 ta' Mejju 2016 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-21 ta' April 2016 fl-ismijiet Pulizija (Spettur Edel Mary Camilleri) vs. John Aquilina fit-totalita' tagħha in kwantu din sabet lill-appellant ħati tal-akkużi miġjuba kontrih u kkundannatu għal sentejn priġunerija u dan billi tilliberah mill-istess akkużi miġjuba kontrih."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2023, lill-avukat mill-Uffiċju tal-Avukat Ġenerali jiddikjara li ma kellu xejn aktar xi jżid mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi qabel il-Qorti tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu tinnota

li jkun opportun li l-ewwel tagħmel riferenza għal dak li jirriżulta fl-atti proċesswali.

Illi fl-atti proċesswali jirriżulta, fost l-oħrajn, is-segwenti:

- **PS 1147 Antoine Fenech** (*a fol.* 21 *et seq.*) ippreżenta għaxar stills minn filmat ta' *CCTV camera*. Tidher vettura tidħol fil-komun ta' garaxxijiet, tipparkja fil-ġenb u jinġarru xi affarijiet li kienu barra quddiem bieb ta' garaxx. Dawn tpoġġew ġewwa l-vettura u l-vettura telqet minn fuq il-post.

- Fil-verbal tas-seduta miżmuma quddiem l-Ewwel Qorti fil-15 ta' Ottubru 2015 jirriżulta s-segwenti (*a fol.* 19): *"Id-difiża tiddikjara li l-imputat dakinhar tal-inċident kien bil-vettura tiegħu u għalhekk jeżenta lill-Prosekuzzjoni milli ttella' xhieda tat-Trasport Malta dwar il-provi fuq l-istess."*

- L-i**Spettur Roderick Agius** (*a fol.* 24 *et seq.*) eżebixxa sentenza (Dok. "RA 1" – *a fol.* 26 *et seq.*) kontra l-appellant allura imputat liema sentenza ngħatat fit-18 ta' Lulju 2012 fejn huwa ġie kkundannat disa' xhur priġunerija.

- **PS 356 Joseph Vella** (*a fol.* 33 *et seq.*) eżebixxa r-rapport (Dok. "JV 1" – *a fol.* 39 *et seq.*) tal-14 ta' Marzu 2015. Jgħid li kien mar jirrapporta l-*parte civile* Francis Farrugia li fejn il-garaxx tiegħu ġo sqaq fil-Hamrun kien ħalla xi batteriji użati u *jack*. Jgħid li minn filmat meħud minn *CCTV cameras* kienet tidher vettura u jidher raġel jgħabbi xi affarijiet fil-vettura tiegħu, liema raġel wara rriżulta li kien John Aquilina. Jgħid x'qal Aquilina meta ġie mistoqsi numru ta' domandi. Jisħaq li skont Francis Farrugia l-*jack* kien jiswa mija u disgħin Euro (€190). Jgħid li Francis Farrugia qal li normalment huwa joħroġ l-affarijiet barra l-garaxx għax la l-garaxx huwa tiegħu mhux suppost jieħdu l-affarijiet minn fejn l-għatba.

- Fir-rapport (Dok. "JV 1" – *a fol.* 39 *et seq.*) jirriżulta li l-*parte civile* kien qal li kien nsterqu madwar ħamsa u erbgħin (45) batterija

tal-vetturi li kien hemm minnhom għadhom jaħdmu (b'valur ta' erba' mija u ħamsin Euro (€450) kif ukoll *jack* aħmar b'valur ta' mija u disgħin Euro (€190). Fl-istess rapport hemm il-verżjoni tal-appellant allura imputat li qal li kien ra l-batteriji mal-art u ħasibhom li kienu għar-rimi. Qal li kien ħa l-vettura tiegħu, għabbiehom u mar Ħal-Luqa u biegħhom lil xi ħadd li ma jafx x'jismu li kien tah tmenin Euro (€80) tagħhom. Jgħid li hu ma kienx ra *jack* fuq il-post.

- **PC 299 Damian Cilia** (*a fol.* 42 *et seq.*) ikkonferma r-rapport immarkat bħala Dok. "JV 1" (*a fol.* 39 *et seq.*). Huwa qal li kien ra r-ritratti u li fir-ritratti ma kienx jidher il-*jack* aħmar. Fil-<u>kontro-eżami</u> qal li l-isqaq kien miftuħ u li ma kien hemm ebda *gate*. Jgħid li l-*parte civile* kien qal li l-maġġoranza tal-batteriji kienu użati u li kien hemm ukoll il-ġodda. Fl-aħħar qal li l-*parte civile* kien infurmah li dejjem kien iħalli l-batteriji barra u li qatt ma serquhomlu.

- L-appellant allura imputat **John Aquilina** (*a fol.* 49 *et seq.*) xehed li kien għaddej mill-Ħamrun u ra l-batteriji fl-art kollhom l-aċtu u għabbiehom fil-vettura. Jgħid li f'din il-parti hemm garaxxijiet biss u li l-batteriji kienu fl-art. Jgħid li kienu ħdejn garaxx magħluq u li l-garaxxijiet l-oħra kollha kienu magħluqin. Jgħid li ma kien hemm xejn aktar ħdejn il-batteriji u li kien biegħ il-batteriji għaċ-ċomb ġewwa Ħal-Luqa u li x-xerrej tah tmenin Euro (€80). Jgħid li huwa kien jakkwista b'xejn minn għand *mechanic* u mbagħad ibigħ. Jgħid li l-batteriji kienu ħżiena u kollha għar-rimi. Fil-<u>kontro-eżami</u> qal li hu u l-*parte civile* ġieli xorbu flimkien. Jgħid li l-*parte civile* kien staqsieh fuq il-batteriji li ħadlu u li hu (l-appellant) kien wieġbu li ma kienx jaf li l-*parte civile* joqgħod il-Ħamrun. Jgħid li kieku kien jaf li kien joqgħod hemm kien jistaqsieh jekk kellux xi erba' batteriji ħżiena. Jgħid li hu ma kien staqsa lil ħadd ta' min kienu u għabbiehom bil-kunfidenza. Jgħid li ħaseb li l-batteriji kienu ħżiena minħabba l-aċtu.

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant jilmenta dwar in-nuqqas ta' provi li nġiebu kontra tiegħu. Jisħaq li l-batteriji nġabru minn sqaq pubbliku waqt li l-garaxxijiet kienu kollha magħluqa. Jgħid li l-*parte civile* baqa' jgħid li huwa s-sid imma fl-istess ħin ħalla l-batteriji barra. Jargumenta li mingħajr ma tressqet ebda prova ta' xejn, l-Ewwel Qorti aċċettat li dawn il-batteriji kellhom valur ta' mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94).

Illi t-tieni aggravju tal-appellant huwa li l-Ewwel Qorti skartat id-difiża tar-*res derelictae* u li għalhekk ma kienx hemm il-*mens rea* neċessarja biex wieħed jinstab ħati. Jisħaq li huwa kien ġabar il-batteriji fid-dawl tax-xemx minn post imdawwar bid-djar. Jgħid li l-Ewwel Qorti straħet fuq il-fatt li hu għamel xi qliegħ meta biegħhom u li hu kellu każ ta' serq u jgħid li dawn il-konsiderazzjonjiet ma jreġux biex wieħed jistabbilixxi l-*mens rea*.

**Ikkunsidrat**

Illi dwar l-aggravji mressqa mill-appellant għandu jingħad minn din il-Qorti li ma jidhirx li hemm kontestazzjoni li kien l-appellant li ħa l-batteriji minn ħdejn il-garaxx ta' Francis Farrugia. Dan tal-aħħar qal li kien ittieħed *jack* ukoll imma l-appellant innega li ħa xi *jack* aħmar motorizzat u r-ritratti ma jgħinux dwar dan. Jidher li l-*parte civile* Farrugia ma ttellax jixhed quddiem l-Ewwel Qorti. Jirriżulta li meta l-appellant allura imputat mar l-Għassa tal-Pulizija hu qal li f'dan il-post kien hemm il-batteriji biss u li lilhom biss kien ħa. Għalhekk, fl-assenza tax-xiehda tal-*parte civile* quddiem l-Ewwel Qorti, il-Qorti sabet biss ir-rapport li għamel Francis Farrugia fl-Għassa tal-Pulizija u ma sabitx prova 'l hemm mid-dubju dettat mir-raġuni li kien l-appellant allura imputat li seraq il-*jack*. Għal kull buon fini jingħad li kien biss quddiem din il-Qorti

kif preseduta li l-*parte civile* Farrugia xehed fuq ordni tagħha fejn qal li huwa kien tħallas minn John Aquilina ħafna żmien qabel.

Illi tibqa' dik il-parti tal-imputazzjoni tas-serq tal-batteriji. L-appellant jissottometti li dawn kienu *res derelictae* u li hu ma kellux *mens rea* għaliex ħaseb li l-batteriji kienu għar-rimi.

**Ikkunsidrat**

Illi r-reat li l-appellant instab ħati tiegħu f'dan il-każ huwa dak ta' serq. Id-definizzjoni ta' serq li ġiet adottata mill-ġurisprudenza Maltija hija dik mogħtija mill-Carrara u li fiha tirrifletti l-elementi kollha tas-serq jiġifieri l-kontrettazzjoni doluża ta' oġġett li jappartjeni lil ħaddieħor akkwiżit b'mod frawdolenti bil-ħsieb li jagħmel il-qliegħ mir-*res furtiva* ċioè *"La contrettazione dolosa della cosa altrui fatta invito domino con animo di farne lucro."*

Illi fin-Noti tiegħu "Notes on Criminal Law", Professur Sir Anthony Mamo jgħid li din id-definizzjoni tikkomprendi t-totalita' ta' ħames elementi li lkoll iridu jiġu sodisfatti sabiex persuna mixlija b'serq tkun tista' tiġi misjuba ħatja. Dawn l-elementi huma s-segwenti:

- *The contrectatio of a thing;*
- *belonging to others;*
- *made fraudulently;*
- *without the consent of the owner;*
- *animo lucrandi.*

Illi t-tifsira tal-*contrectatio* kif mistqarra minn Carrara tqis li s-serq ikun kompletat mal-mument li l-ħalliel ikun qiegħed idu fuq l-effett mobbli li huwa jkun irid jisraq u jkun ċaqlaq dak l-oġġett bil-ħsieb li huwa jneħħieh u jieħdu miegħu lil hemm mill-post fejn kien jinstab u fejn sidu jkun ħallieh. Il-Professur Sir Anthony Mamo jgħid hekk fin-Noti tiegħu (*a fol.* 273):

> *"According to Carrara's doctrine a theft is complete and not merely attempted although the thing removed from the place*

> *where the owner left it, is put by the thief in some other place in the same room".*

Illi minbarra din id-definizzjoni hemm ċ-ċirkostanzi aggravanti ta' serq elenkati f'Artikolu 261 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. F'dan il-każ, l-appellant ġie mixli bis-serq ikkwalifikat bil-valur.

Illi din il-Qorti taqbel mad-dottrina u ġurisprudenza assodata li ma jintegrax ir-reat ta' serq meta xi ħadd japproprja ruħu minn *res nullius* jew *res derelictae*. Jekk persuna tapproprja ruħha minn oġġett li jkun instab f'ċirkostanzi li juru li dak l-oġġett kien abbandunat minn sidu ma jistax jitqies li jkun twettaq ir-reat tas-serq. Minkejja dan, jekk fil-mument tal-att ta' approprjazzjoni ċ-ċirkostanzi juru li l-oġġett ikun *res aliena* u għalhekk li jkun hemm persuna li tkun għadha tippossjedi dan l-oġġett f'dak il-mument, allura l-persuna li tapproprja ruħha minn dan l-oġġett mhux tagħha, mingħajr dritt fuqu u mingħajr il-kunsens tal-persuna li tkun tippossjedih, tikkommetti s-serq tal-istess oġġett.

Illi biex l-oġġett ikun jista' jitqies li huwa *res derelictae* dan l-oġġett irid jinstab f'ċirkostanzi tali li juru b'mod li sidu intenzjonalment ma riedx aktar li dan l-oġġett jibqa' fil-partimonju tiegħu u b'hekk ikun abbandunah b'mod inekwivokabbli u irrevokabbli. Jekk minħabba l-post fejn ikun jinstab oġġett jew minħabba l-qagħda u l-kondizzjoni tiegħu, wieħed jista' jifhem li dan l-oġġett ma kienx abbandunat, iżda li jista' jkun hemm xi ħadd li jkun għadu, b'xi mod, jippossjedih jew li għandu l-kontroll fuqu, u persuna li ma jkollhiex jedd għal dak l-oġġett tapproprja ruħha minnu, din tkun passibbli għar-reat tas-serq. Biex din il-persuna tkun tista' teskolpa ruħha mir-responsabilita' għar-reat ta' serq ta' dan l-oġġett, hi trid turi li ċ-ċirkostanzi ġenwinament ġegħluha temmen li l-oġġett li kienet approprjat ruħha minnu kien abbandunat minn sidu jew li kien oġġett ma jappartjeni lil ħadd.

Illi biex oġġett jitqies li jkun abbandunat u li għalhekk ma hu ta' ħadd, irid jintwera li l-oġġett kien ġie abbandunat minn sidu b'mod li ċ-ċirkostanzi jkunu juru li sidu neħħa minn idejh il-pussess tal-oġġett u li jkun irrinunzja għall-jedd ta' sid fuq l-istess oġġett. Jekk

dawn iċ-ċirkostanzi ma jirriżultawx allura jkun jista' jikkonfigura r-reat ta' serq. Dan peress li l-element formali fir-reat tas-serq jeħtieġ l-għarfien tal-aġent li japproprja ruħu, ossia jikkontretta dolożament il-proprjeta ta' ħaddieħor. Huwa biss l-iżball ġenwin li jista' jitnissel meta ċ-ċirkostanzi jkunu juru, b'mod ċar u inekwivokabbli li l-oġġett kien abbandunat minn sidu jew li l-oġġett kien jappartjeni lilu, li din l-intenzjoni ma titqiesx integrata. Eżempju li juri meta jista' jkun hemm dan l-iżball ġenwin huwa meta l-oġġett ma jitteħidtx bil-moħbi, jew inkella meta dak li jkun ma jippruvax jaħbi li huwa ħa dak l-oġġett.

Illi jkun opportun li ssir riferenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Gianluca Carabott** (Numru 205/2019) mogħtija fit-23 ta' Ġunju 2020 minn din il-Qorti diversament preseduta li għamlet riferenza għas-sentenza mogħtija fit-30 ta' Settembru 2004 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Patrick Xuereb et** fejn ingħad hekk:

> "Hu paċifiku fil-ġurisprudenza li min isib oġġetti f'post pubbliku f'ċirkostanzi tali li wieħed jista' jifhem li dawk l-oġġetti mhumiex abbandunati u japproprja ruħu minnhom, jikkommetti serq."

Illi fir-rigward tal-każ mertu ta' dan l-appell din il-Qorti tinnota li l-batteriji nstabu biswit garaxx privat. Jekk xi wħud kienu użati jidher li kien hemm oħrajn li kienu għadhom ġodda. Waqt li l-appellant allura imputat xehed li kien hemm *mechanic* li kien jgħaddilu xi batteriji ma jfissirx li seta' jikkonkludi li għaliex il-batteriji kienu ħdejn bieb ta' garaxx fuq barra huwa seta' jaqbad u jeħodhom. Jekk hu seta' jdaħħal xi ħaġa bil-bejgħ tagħhom, seta' jifhem ukoll li seta' għamel l-istess min kien sidhom. Anzi ġialadarba huwa kien ikollu faċilita' li jkollu *supply* minn għand *mechanic* u dan kien jinnegozzjah, żgur li seta' jifhem li dak li kien qed jieħu kellu valur u min ħallieh barra l-garaxx ma kellux intenzjoni li xi ħadd ieħor jaqbad u jieħdu!

Illi, tenut kont ta' dak li ngħad hawn fuq fir-rigward tat-tieni aggravju, din il-Qorti tinnota li fiċ-ċirkostanzi l-appellant kien messu fittex is-sid u staqsieh jekk riedx jagħtihomlu. Id-difiża ta'

nuqqas ta' *mens rea* hekk kif imressqa mill-appellant mhijiex waħda konvinċenti u għaldaqstant it-tieni aggravju qed ikun miċħud.

Illi dwar il-valur tal-batteriji dan ma ġiex stabbilit permezz ta' riċevuti li skont ir-rapport il-*parte civile* kien wiegħed li jgħaddi lill-Pulizija. Għalhekk din il-Qorti qed tilqa' *in parte* l-ewwel aggravju tal-appellant speċifikament dik il-parti dwar l-ammont involut.

Illi għalhekk, fin-nuqqas ta' prova dwar l-ammont, din il-Qorti ser issib lill-appellant ħati ta' serq sempliċi li huwa reat kompriż u nvolut f'dak ta' serq ikkwalifikat bl-ammont. L-Ewwel Qorti kienet korretta meta sabet lill-appellant allura imputat ħati tat-tieni (2) imputazzjoni u ċioè dik li tirrigwarda r-reċidiva.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* l-appell imressaq mill-appellant John Aquilina u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabitu ħati tat-tieni (2) imputazzjoni ċioè tal-addebitu tar-reċidiva u tirriformaha fejn sabitu ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni billi ssibu ħati ta' serq sempliċi *ai termini* ta' Artikolu 284 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ikkundannat lill-appellant piena ta' sentejn priġunierija u minflok tikkundannah piena ta' sitt (6) xhur priġunerija.

| | |
|---|---|
| **Onor. Dr. Neville Camilleri** | **Alexia Attard** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |